Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru. 835/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK ZAMMIT**

**VS**

**DAVID CARUANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi David Caruana detentur tal-Karta tal-Identita` numru 87192 (M).

**Akkuzat talli:**

Gewwa Haz-Zebbug u f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta` April 2012:

1. Uza il-kodici ta` dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta` dhul jew informazzjoni ta` identifikazzjoni ta` xi persuna ohra f'computer u dan ai termini tal-artikolu 337 C (1) (i) u l-artikolu 337 F (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u aktar talli;

2. Uza xi network jew apparat ta` kommunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghall-ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghal uzu kif imiss tan-network jew apparat ta` kommunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss u dan ai termini tal-artikoli 48 (1) (d) u 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-xhieda mressqa;

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-artikoli 337 C (1) (i), 337 F (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u 48 (1) (d) u 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------